MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 13/2000/1

**Rikors numru 13/2000**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**vs**

**Filippa Mangion u b'digriet tas-27 ta' Gunju 2002 keinu mizjuda Giuzeppe, Giuzeppa, Emanuel, Nazzareno, Catherine, filippa, Carmela u Crocifisso Ellul kollha ahwa Grixti.**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn jesponi bir-rispett;

1. "Illi b'ittra ufficjali tal-20 ta' Frar, 1969 l-intimata giet notifikata b'Avizz ghall-Ftehim fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art

f'Kalafrana u Benghajsa limiti ta' B'Bugiau  cioe' (A) bicca art tal-kejl ta'  4 Tmien, 0 sieghan u 4 kejliet (4T.0S.4K) li tmiss mill-Majjistral ma' triq, mix-Xlokk ma' propjeta tas-sur Paul Cachia, mill-Punent parti ma' propjeta' tas-Sur Paul Cachia u parti ma' propjeta tas-sur Joseph Vassallo u minn Nofsinhar parti ma' propjeta' tas-sur Paul Cachia u parti ma' triq (B) bicca art tal-kejl ta' 3 tmien, 5 sieghan u 7.6 kejliet (3T. 5S. 7.6K) tmiss mat-Tramuntana ma' propjeta' tal-Maggur Michael Stopford. Mill-Lvant ma' propjeta' tas-sur John Schembri u ohrajn, mill-Punent ma' propjeta' tas-sinjorina Vincenza Pullicino u minn Nofsinhar ma' triq (C) bicca art tal-kejl ta' 1 tomna, 5 sieghan, 9 kejliet (1T. 5S. 9K) tmiss mill-Grigal ma' triq, mill-Punent ma' propjeta' tas-sur John Azzopardi, u mill-Lvant u Nofsinhar ma' propjeta' mas-sur Paul Cachia u (D) bicca art tal-kejl ta' 12 tmien, 0 sieghan, 8 kejliet  (12T.0S.8K) li tinkludi nofs wesgha ta' sqaq li jmiss mill-Majjistral ma' propjeta' tas-sur Michael Galea, mill-Grigal ma' propjeta' tas-sur John Azzopardi, mill-Lvant ma' propjeta' tas-Servizzi u mill-Punent ma' propjeta' tas-sur Alfonsu Gauci, huma ta' erbgha mija u ghaxar liri Maltin (Lm410.00) ghal bicca art mmarkata (A), mitejn u sittin lira Maltin (Lm260.00) ghal bicca art mmarkata (B), mitejn lira Maltija (Lm200.00) ghal bicca art mmarkata (C) u elf, mija u hamsa tletin Lira Maltija (Lm1,135.00) ghal bicca art mmarkata (D) kif jidher mir-rapport tal-Perit Edgar Xuereb A&C.E tal-11 ta' Frar, 1969 li estratt tieghu (Dok A) huwa anness mal-istess Avviz ghall-Ftehim.

2. Illi b'cedola ta' depozitu pprezentata fis-16 ta' Frar, 1989 gie ddepozitat il-kumpens offert ta' mitejn u sittin Lira Maltija (Lm260.00) ghal bicca art fuq deskritta bhala art immarkata B, u dan  a terminu tal-artikolu 22 (4) tal-Kap 88;

3. Illi skond l-istess artikolu 22 tal-Kap 88 dan id-depozitu ma' jinpedix lill-intimati milli jkomplu jikkontestaw quddiem il-Bord l-ammont offert lilhom, liema ammont pero', ir-rikkorent jikkonferma li jqisu gust u skond il-Ligi;

Ghaldaqstant ir-rikkorent titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord jiffissa il-kumpens relattiv ghall-art fuq imsemmija skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-skopijiet pubblici (Kap 88)"

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ikkunsidra:

Illi ghal ahjar intendiment, din id-decizjoni tirrigwarda l-art kif deskritta bahal B fir-rikors promutur;

Illi l-membri teknici assenjati biex jassistu lill-Bord, l-Perit AIC Renato Laferla u l-Perit AIC Joseph Jaccarini wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghal konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li l-kumpens xieraq ghandu jkun fl-ammont ta' Lm276, illum ekwivalenti ghall Euro 642.90.

Illi ai termini tal-Kap 88, l-Bord ma jistax jaghti kumpens aktar minn dak mitlub mill-intimati izda kif jirrizulta fir-relazzjoni tal-abbli peritti, l-art esproprijata fiha kejl aktar minn dak deskritt u ghalhekk il-Bord jaghmel tieghu il-konkluzzjoni li l-kumpens ghandu jirrifletti pro rata id-differenza fl-art li effettivament hija esproprijata.
Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati li titrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut l-bicca art tal-kejl ta' 3 tmien, 5 sieghan u 7.6 kejliet (3T. 5S. 7.6K) jew kejl verjuri tmiss mat-Tramuntana ma' propjeta' tal-Maggur Michael Stopford. Mill-Lvant ma' propjeta' tas-sur John Schembri u ohrajn, mill-Punent ma' propjeta' tas-sinjorina Vincenza Pullicino u minn Nofsinhar ma' triq l-fond Numru 45, Triq il-Kuncizzjoni, Msida bil-kumpens ta' **Euro 642.90** (sitt mija tnejn u erbghin euro u disghin centezmu. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-28 t'April, 2008 fis-2.00 pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D. biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha jkun mgharrafa bil-

hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------